# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 77/18JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 77/18 fl-ismijiet:

**JEFPET LIMITED (C – 43812)**

vs

**HSBC BANK MLTA p.l.c. (C – 3177)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta’ Jannar, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-Bank intimat milli “jassenja, jaljena, jittrasferixxi, jbiegħ jew mod ieħor jiddisponi, mid-dejn dovut lill-Bank intimat mir-rikorrenti, kif ukoll milli jaċċetta ħlas akkont jew għas-saldu ta’ l-istess dejn minn terzi, u kif ukoll milli jżomm, jikkonduċi jew mod ieħor iwettaq negozjati ma’ terzi għall-assenjazzjoni, aljenazzjoni, trasferiment, bejgħ, disponiment jew ħlas tal-istess dejn”;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2018, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-Bank intimat bi żmien għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-8 ta' Frar, 2018;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Bank intimat (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bank") fis-26 ta' Jannar, 2018, li biha laqa' għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat għaliex ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi biex iwassal għal dan. Huwa jgħid li, filwaqt li l-qofol tat-talba tal-kumpannija rikorrenti jistrieħ fuq il-jedd għas-segretezza kif imħarsa mill-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali u mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar is-segretezza Professjonali[1], il-Bank ma qiegħed jiżvela xejn lil ħadd li mhuwiex diġa' fid-dominju tal-għarfien pubbliku u tal-aċċessibilita' għal terzi ta' dak l-għarfien, u għaldaqstant jonqos l-element tal-jedd tar-rikorrenti mad-daqqa t'għajn. Isemmi wkoll ċirkostanzi oħrajn li jgħid li juru li lanqas l-elementi l-oħrajn li trid il-liġi ma jirriżultaw;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mid-difensuri tal-Bank waqt is-smigħ tat-8 ta' Frar, 2018, fejn għarrfu lill-Qorti sa minn qabel ma l-kumpannija rikorrenti kienet fetħet din il-proċedura, il-Bank kien daħal fi ftehim ta' wegħda ta' assenjazzjoni ma' terza persuna dwar id-dejn li l-kumpannija rikorrenti għandha mal-istess Bank;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kumpannija rikorrenti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Frar, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-kumpannija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "Jefpet") trid li żżomm lill-Bank intimat, milli jidħol f'negozjati ma' u jagħti tagħrif lil terzi mingħajr il-kunsens tagħha, li bih jassenja d-dejn li hija għandha mal-Bank innifsu;

---

[1] Kap 377

Tqis li Jefpet hija debitriċi tal-Bank wara li kienet ingħatat faċilitajiet ta' self b'kuntratt pubbliku li sar f'Lulju tal-2008[2], dwar xiri ta' firxa ta' art u l-benefikat li kien hemm fuqha f'Wied il-Għajn;

Tqis li, minħabba li nqabdet f'diffikultajiet finanzjarji, Jefpet naqset li tonora r-rabtiet kuntrattwali tagħha mal-Bank u, bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tad-19 ta' Jannar, 2010[3], Jefpet ikkostitwiet ruħha debitriċi ċerta u likwida tal-Bank fis-somma ta' disa' miljun tmien mija u tnejn u disgħin elf u sbatax-il euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€ 9,892,017.67), liema kuntratt il-Bank irrenda eżekuttiv bis-saħħa ta' ittra uffiċjali tal-5 ta' April, 2011[4]. Sadattant, b'kuntratt pubbliku ieħor tat-30 ta' April, 2014[5], Jefpet ikkostitwiet ruħha bħala debitriċi ċerta u likwida tal-Bank fis-somma ta' tlettax-il miljun disa' mija u wieħed u disgħin elf u mija u erbgħa u sebgħin euro u dsatax-il ċenteżmu (€ 13,991,174.19);

Tqis li, għal xi żmien, Jefpet kienet approvat in-negozjati tal-Bank ma' wieħed Carmel *sive* Charles Camilleri bħala ċessjonarju tad-dejn li Jefpet għandha mal-istess Bank;

Tqis li Camilleri jgħid li ried ikun jaf x'tgħid is-*sanction letter* li bis-saħħa tagħha l-Bank kien ta l-faċilitajiet bankarji lil Jefpet, imma l-Bank ma għaddielux tagħrif dwarha u seħaq li jkunu r-rappreżentanti ta' Jefpet li jitolbuha u, jekk iridu, jgħadduhielu[6];

Tqis li l-imsemmija negozjati ma wasslux għar-riżultat mixtieq;

Tqis li bi ftehim li jġib id-data tad-9 ta' Jannar, 2018[7], il-Bank daħal ma' terza persuna fi ftehim ta' wegħda ta' ċessjoni tal-kreditu u tal-jeddijiet litiġjużi li għandu ma' Jefpet, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Iċ-ċessjonarja ħallset lill-Bank somma akkont tal-kunsiderazzjoni taċ-ċessjoni dakinhar stess[8];

Tqis li Jefpet tgħid li mal-kuntratt li bih hija ngħatat il-faċilita' bankarja msemmija, ma kenitx ġiet mehmuża s-*sanction letter* li l-Bank ħareġ biex japprova l-faċilita';

[2] Dok "A", f'paġġ. 3 sa 42 tal-atti
[3] Dok "A", f'paġġ. 57 sa 61 tal-atti
[4] Dok "D", f'paġ. 78 tal-atti
[5] Dok "B", f'paġġ, 62 sa 67 tal-atti
[6] Xhieda tiegħu f'paġġ. 199 – 200 tal-atti
[7] Dok "A". f'paġġ. 87 sa 93 tal-atti
[8] Xhieda ta' Dennis Gravina f'paġ. 206 tal-atti

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat[9];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li l-parti rikorrenti turi żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqilha tikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li trid turi hi li l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnha. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[10]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[11];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[12]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti trid tara x'effett jista' jħalli l-ftehim li l-Bank daħal fih fid-9 ta' Jannar, 2018, li bih wiegħed li jassenja lil terza persuna l-kreditu li għandu kontra Jefpet;

Tqis li l-Bank ma semma xejn dwar din iċ-ċirkostanza meta ressaq it-Tweġiba tiegħu minkejja li dik il-wegħda seħħet bil-miktub minn tal-anqas ġimgħa qabel

---

9 Art. 873(1) tal-Kap 12
10 App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
11 Art. 875(3) tal-Kap 12
12 Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

ma Jefpet nediet din il-proċedura, u semmiha l-ewwel darba biss dakinhar tas-smigħ;

Tqis li jidher li l-Bank semma din iċ-ċirkostanza biex jargumenta li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tintlaqa' aktar ladarba dak li Jefpet trid iżżomm milli jsir, fil-fatt diġa' sar. Huwa magħruf li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tistax tintlaqa' jekk kemm-il darba l-ħaġa li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf tkun fil-fatt diġa' saret jew ġrat. Dan għaliex l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[13];

Tqis, madankollu, li wkoll kieku l-Qorti kellha tqis l-imsemmi ftehim, il-fatt hu li dak il-ftehim huwa wieħed preliminari ta' wegħda ta' ċessjoni, u għalhekk, ladarba l-jedd ġej minn att pubbliku, ma jkunx għadu perfezzjonat jekk kemm-il darba ċ-ċessjoni ma ssirx b'att pubbliku[14];

Tqis għalhekk li dak li għadu sar s'issa bejn il-Bank u t-terza persuna ma temmx il-proċess u aktar jagħti għalxiex din il-Qorti jmissha tqis it-talbiet ta' Jefpet milli tagħżel u tiċħadhom. Dan jgħodd b'saħħa akbar minħabba li l-imsemmi ftehim jagħti l-fakulta' liċ-ċessjonarja prospettiva li tibdel lilha nnifisha b'ħaddieħor fl-att finali;

Tqis li l-jedd mad-daqqa t'għajn li Jefpet tistrieħ fuqu biex issostni t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak li l-Bank ma jiksirx is-sigriet (professjonali) billi jiżvela lil terzi t-tagħrif li kien issemma fis-*sanction letter* li kopja tagħha ma kinitx ġiet mehmuża bħala dokument mal-kuntratt pubbliku li bih ingħatat il-faċilita';

Tqis li, safejn Jefpet trid il-ħruġ tal-Mandat biex iżżomm lill-Bank milli jassenja l-kreditu li huwa għandu kontriha, ma jeżisti l-ebda jedd favur mingħandu jagħti li jżomm lil xi kreditur tiegħu milli jassnja jew iċedi tali dejn lil ħaddieħor. Kulma titlob il-liġi huwa li l-midjun għandu jkun mgħarraf biċ-ċessjoni li tkun saret[15];

Tqis li, madankollu, Jefpet issejjes il-jedd li tgħid li għandha kontra l-Bank fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 377 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali, u dan fir-rigward tat-tagħrif imsemmi fis-*sanction letter(s)* li jirregolaw il-kundizzjonijiet tal-għoti lilha tal-faċilitajiet bankarji min-naħa tal-Bank;

[13] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***
[14] Art. 1470(2) tal-Kap 16
[15] Art. 1471 tal-Kap 16

Tqis li l-Bank jgħid li t-tagħrif li Jefpet tallega li għandu jinżamm mistur bejnha u l-Bank diġa' jista' jarah kulħadd u ma għad hemm xejn moħbi;

Tqis li dan l-argument jikkuntrasta max-xhieda mressqa, billi Carmel Camilleri xehed li l-Bank ma ried bl-ebda mod jgħaddilu kopja tal-istess *sanction letter(s)*, u saħaq li jekk iridu, huma r-rappreżentanti ta' Jefpet biss li setgħu jitolbu u jingħataw kopja tagħha. Minbarra dan, ħareġ ċar ukoll mill-provi[16] li s-*sanction letter* ma kenitx fost il-bosta dokumenti annessi mal-kuntratt tal-24 ta' Lulju, 2008 li bih Jefpet ingħatat is-self biex tixtri l-ġid f'Wied il-Għajn;

Tqis ukoll li Jefpet taċċetta li lill-Bank kienet awtorizżżatu jinnegozja ma' Camilleri biex "jixtri" d-dejn tagħha hu u li ma kinitx toġġezzjona li l-Bank jagħtih kull tagħrif li ried dwarha;

Tqis ukoll li l-liġi tfisser f'liema ċirkostanzi jista' l-Bank jagħti lil ħaddieħor tagħrif li jolqot klijent tiegħu[17], safejn ma jkunx hemm suspett ta' għemil dwar ħasil ta' flus jew stħarriġ regolatorju ieħor. Il-liġi llum jidher li tirregola wkoll l-għamla ta' kuntratt ta' ċessjoni tad-dejn bħalma hu l-każ[18];

Tqis li l-għaref difensur tal-Bank jargumenta li, minħabba l-fatt li Jefpet resqet għall-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' dejn, ir-rabta bejniethom ma għadhiex aktar dik bejn bankier u klijent imma waħda bejn kreditur u debitur u għalhekk il-Bank ma għadux marbut aktar bis-sigriet professjonali;

Tqis li dan l-argument ma jreġix, għaliex dik ir-rabta li titnissel bil-liġi dwar is-segretezza tibqa' torbot ukoll wara li l-persuna afdata bit-tagħrif sigriet tkun waqfet teżerċita dak l-istat jew dik il-professjoni rilevanti jew milli tibqa' f'dik il-kariga rilevanti[19];

Tqis għalhekk li, mad-daqqa t'għajn, Jefpet seħħilha turi l-jedd li bih tista' titlob il-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub;

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, din tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[20], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab il-parti rikorrenti

[16] Ara Dok "X", f'paġ. 129 tal-proċess
[17] Ara art. 34(2)(e) u 34(6) tal-Kap 371
[18] Art. 1484A tal-Kap 16
[19] Art. 3(2) tal-Kap 377
[20] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[21];

Tqis li ladarba mill-provi mressqa minn Jefpet ħareġ li l-Bank irrifjuta li jagħti tagħrif lil Charles Camilleri dwar x'fiha s-*sanction letter* u dan minkejja li Jefpet awtorizżat lill-Bank biex jinnegozja miegħu iċ-ċessjoni tad-dejn, il-Qorti ssib li l-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat taqa' jekk kemm-il darba l-Bank intimat se jibqa' jimxi konsistentement b'dan il-mod u jisħaq li jkunu biss ir-rappreżentanti ta' Jefpet li jistgħu jitolbuh jgħaddi kopja tas-*sanction letter* liċ-ċessjonarja prospettiva;

Tqis ukoll li l-ħruġ tal-Mandat ma kienx se jżomm lill-Bank milli jwettaq il-wegħda taċ-ċessjoni miftehma fid-9 ta' Jannar, 2018, jekk kemm-il darba l-ftehim isir bla ma jinkixef it-tagħrif li jinsab fis-*sanction letter* li ngħatat meta Jefpet talbet il-ħruġ tal-faċilita' u dik l-oħra li ssostitwiet is-*sanction letter* tal-bidu;

Tqis li f'dan ir-rigward, u fid-dawl ta' din il-proċedura, il-Bank issa jagħraf x'ikunu l-konsegwenzi jekk jibdel l-imġiba tiegħu u jekk jagħti liċ-ċessjonarja mwiegħda tagħrif li jinsab fil-jedd ta' Jefpet li tisħaq li jinżamm kunfidenzjali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tal-kumpannija rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub billi ma għadhomx jeżistu l-elementi biex din it-talba tista' tintlaqa';

**Tħassar "*contrario imperio*"** id-degriet tagħha tas-16 ta' Jannar, 2018, safejn kienet laqgħet provviżorjament it-talba tal-istess kumpannija; u

**Tordna** li kull parti tħallas l-**ispejjeż** tagħha f'din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum, 16 ta' Frar, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

[21] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***